MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Numru 799/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**
**vs**
**David Camilleri**
**James Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**David Camilleri** ta’ 17-il sena, bin Francis u Maria Rosaria *nee’* Zammit, imwieled Rumanija nhar l-20 ta’ Mejju, 1994 u residenti 89, Fran Mar, Triq il-Bronja Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 565194M;
**James Camilleri** ta’ 16-il sena, bin Francis u Maria Rosaria *nee’* Zammit, imwieled Rumanija nhar is-26 t’April, 1995 u residenti 89, Fran Mar, Triq il-Bronja Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 534995M;

Talli gewwa Triq San Pankrazju Birzebbuga nhar l-4 ta' Lulju 2011, ghall-habta ta' 18:25hrs ikkommettejtu serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAT 164, liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€2,390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-detriment ta' Elia Grixti;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement f'Malta lqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indhaltu biex tbieghu jew tmexxu dawn l-oggetti;

Lil David Camilleri wahdu talli fl-istess data, hin, cirkostanzi u lok u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAT 164 tal-ghamla Mitsubishi minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan u polza t'assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

Il-Qorti hi mitluba li titratta ma David Camilleri li kiser il-provedimenti tal-arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. D. Clarke LL.D. datata 7 ta' Lulju 2010.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati registrata fl-ewwel seduta tal-kumpilazzjoni kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2011;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lil-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom hlief ghall-akkuza ta' ricettazzjoni kif ravvizata fl-artikolu 334 tal-Kap 9 stante li din hija akkuza alternattiva ghall-akkuza ta' serq u ghalhekk qed tilliberahom minnha;

Rat l-artikoli 261(c) (g), 267, 271(g), 279(b) tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati; 15(1) tal-Kap 65 u 3(1) Kap 104 fil-konfront ta' David Camilleri wahdu;

Rat l-fedina penali nadifa tal-imputat James Camilleri kif kif ukoll dik ta' David Camilleri fejn kien instab hati ta'

diversi rejati kommessi f'okkazzjoni wahda u kien imqieghed taht is-sorveljanza ta' probation officer ghal perjodu ta' tlett snin mis-7 ta' Lulju 2010;

Titratta mal-imputati billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9, stante li l-hatja huma minuri, fil-konfront ta' James Camilleri tqieghdu taht ordni ta' probation ghal pejodu ta' tlett snin mil-lum skond id-dispost tal-artikolu 7 tal-Kap 446;

Fil-konfront ta' David Camilleri tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' disa (9) xhur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-hati jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9;

Inoltre tiskwalifika lil David Camilleri milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

Il-Qorti spjegat l-ob``bligi tal-hatja naxxenti minn din is-sentenza;

Tordna li fil-konfront tal-hati David Camilleri, l-atti ikunu mibghuta quddiem dik il-Qorti sabiex titratta mieghu dwar il-ksur tal-ordni ta' probation;

Tordna inoltre illi dawn l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-istess Avukat Generali ghat-tmexxija tal-kaz bil-procedura sommarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------